MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1017/2001/1

**AX (Construction) Limited**

**v.**

**Joseph Satariano u b'digriet tas-27 t'Ottubru, 2003 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Roger Satariano & Son Ltd**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2001 is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-konvenut Joseph Satariano inkariga lis-socjeta` attrici taghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni u fornitura ta' materjal fi Blokk bini fi Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar, u dan a tenur tal-kuntratt li kopja tieghu esebita Dok. "A"; illi fadal bilanc dovut lis-socjeta` attrici fl-ammont ta' hamest elef tlett mija u sitta u sebghin Lira Maltin wiehed u erbghin centezmu (Lm5,376.41) ghar-ragunijiet premessi; illi l-konvenut arbitrarjament u minghajr gustifikazzjoni applika certi tpacijiet (*set-offs*), meta fil-fatt l-ammont li tpaca ma kienx dovut mis-socjeta` attrici u ghalhekk il-konvenut arrikka ruhu ingustifikatament; illi l-ammont ta' hamest elef tlett mija sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM5,376.41) huwa dovut a tenur tal-kuntratt tal-partijiet u ghaliex il-konvenut arrikka ruhu indebitament; talbet li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' hamest elef tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin wiehed u erbghin centezmu (Lm5,376.41) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax mill-iskadenza tal-pagament u bir-riserva ta' kull dritt jew azzjoni fil-ligi. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-8 ta' Ottubru, 2001 il-konvenut eccepixxa:-

1. Preliminarjament l-eccipjent m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

B'digriet tas-27 ta' Ottubru, 2003 giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta` Roger Satariano & Son Ltd li b'nota tat-13 ta' Frar, 2004 eccepiet:-

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici in kwantu ghall-arrikkiment indebitu ma tistax tirnexxi stante illi ma jezistix il-kwazi-kuntratt ta' *indebiti solutio* u ma jezistux dawk ir-rekwiziti ta' l-*actio de in rem verso*.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghar pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 1027 u 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont m'hu dovut mis-socjeta` konvenuta u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza preliminari tas-7 ta' Novembru, 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili rrespingiet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tas-socjeta` msejjha fil-kawza u ordnat li l-kawza titkompla, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali u dana wara li qalet hekk:-
"Illi kif jidher is-socjeta` msemmija qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 1027 u 2149(a) tal-Kapitolu 12. L-ewwel wahda hija dwar hlasijiet mhux dovuti (jew hlas ta' *indebitum*) u l-ohra tolqot l-azzjonijiet ta' kuntratturi tal-bini. It-tnejn jippreskrivu meta jghaddu sentejn, l-ewwel wahda minn meta l-attur jinduna bl-izball u it-tieni wahda skond ir-regoli generali dwar il-preskrizzjoni u cioe` minn meta tista' ssir l-azzjoni. Billi f'dan il-kaz is-socjeta` attrici intavolat il-kawza fil-5 ta' Gunju, 2001 u s-socjeta` eccipjenti giet imdahhla fil-kawza f'Ottubru 2003 huwa car illi *prima facie* ghaddew iktar minn sentejn f'kull kaz.

"Il-kaz inqala' ghaliex l-atturi fittxew lill Joseph Satariano personalment u kien meta dan eccepixxa illi ma kienx il-legittimu kontradittur li l-atturi talbu li s-socjeta` in kwistjoni tiddahhal fil-kawza. Fil-frattemp ghaddew iktar minn sentejn li fihom ma jidhirx li huma nterrompew il-preskrizzjoni b'xi mod iehor. Naturalment wiehed irid jara t-termini tac-citazzjoni biex jara jekk il-perjodi preskrittiv japplikawx.

“Is-socjeta` attrici qed tghid zewg affarijiet fic-citazzjoni; li hija ghamlet xoghol ta’ kostruzzjoni u li tieghu baqghalha tithallas bilanc u li l-konvenut applika xi tpacijiet ingustifikati ghaliex parti mill-hlas kellu jsir b’dan il-mod *stante* li l-konvenut jew is-socjeta` imsejjha fil-kawza skond kif irid jirrizulta, kellha tforni xi materjal lill-atturi. Ghalhekk isostnu l-atturi, il-konvenut arrikkixxa ruhu. Kwindi fil-waqt li s-sors ta’ l-azzjoni kienet il-kuntratt li hija ghandha mal-konvenuti jew min minnhom is-socjeta` attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq kreditu li l-istess konvenuti arrogaw ghalihom (dejjem skond l-atturi) u allura ma hallsuhomx il-bilanc.

“Il-Qorti ssibha difficli tifhem, f’dan l-istadju, ghaliex l-atturi qaghdu jghidu dan kollu ghaliex fil-verita` kull ma kellhom jghidu fic-citazzjoni kien li l-konvenut ma hallashomx il-bilanc u kellu jkun imbaghad il-kompitu` tal-konvenut jipprova li ma ghandu jaghti xejn. Mandankollu billi ghadha ma semghetx provi fuq dan m’hijiex ser tikkummenta iktar. Ghar-ragunijiet allura li jridu jirrizultaw l-atturi uzaw kliem li juri li qed jallegaw arrikkiment ingustifikat u ghalhekk l-azzjoni *de in rem verso*. Huwa stabbilit li l-preskrizzjoni ghal din l-azzjoni hija ta’ hames snin. Naturalment billi l-konvenut eccepixxa li ma jirrizultawx l-estremi taghha dan ghad irid jigi ukoll stabbilit. Indubbjament pero` l-perjodu preskrittiv ghadu ma ghaddiex f’dan ir-rigward ghaliex il-kwistjoni nqalghet f’April tas-sena 2001.”

**L-appell tas-socjeta` kjamata fil-kawza Roger Satariano & Son Limited.**

Is-socjeta` kjamata fil-kawza hasset ruhha aggravata bis-sentenza parzjali fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fl-24 ta’ Jannar, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-precitata sentenza in kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u minflok, previa d-dikjarazzjoni li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq il-kuntratt t’appalt ezistenti bejn is-socjeta` appellanti u dik appellata, tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta`

appellanti u tiddikjara l-azzjoni tas-socjeta` attrici appellata preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u tordna li l-azzjoni attrici ma titkomplix fil-konfront tas-socjeta` appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**L-aggravju tas-socjeta` kjamata fil-kawza.**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li s-socjeta` appellanti qed tressaq aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata u cioe` li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet wahda naxxenti minn kuntratt ta' appalt u ghalhekk l-azzjoni attrici kienet waqghet bil-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Infatti fil-paragrafu 10.8 tar-rikors ta' l-appell jinghad espresament hekk: "*Is-socjeta` appellanti thossha aggravata principalment mill-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonfermat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2149(a) mressqa mis-socjeta` appellata kienet fl-fatt korretta u gustifikata imbaghad addiet* (sic) *biex cahdita;*"

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li qalet is-segwenti:
"Is-socjeta` attrici qed tghid zewg affarijiet fic-citazzjoni; li hija ghamlet xoghol ta' kostruzzjoni u li tieghu baqghalha tithallas bilanc u li l-konvenut applika xi tpacijiet ingustifikati ghaliex parti mill-hlas kellu jsir b'dan il-mod *stante* li l-konvenut jew is-socjeta` imsejha fil-kawza skond kif irid jirrizulta, kellha tforni xi materjal lill-atturi. Ghalhekk isostnu l-atturi, <u>il-konvenut arrikixxa ruhu.</u> Kwindi <u>fil-waqt li s-sors ta' l-azzjoni kienet il-kuntratt li hija ghandha mal-konvenuti jew min minnhom is-socjeta` attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq kreditu li l-istess konvenuti arrogaw ghalihom (dejjem skond l-atturi) u allura ma hallsux il-bilanc.</u>" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Mill-provi prodotti in kawza <u>sa dan l-istadju</u>, jirrizulta bla ebda dubju ta' xejn li s-socjeta` konvenuta effettwat tpacija fil-konfront ta' ammont bilancjali dovut lis-socjeta` attrici (ara fir-rigward ix-xiehda ta' Joseph Satariano u ta' Anglu Xuereb). Din it-tpacija dejjem kienet kontestata mis-

socjeta` attrici billi, skond hi, u dan jidher mhux kontestat mill-kontro-parti, l-ammont pacut kien jirriferi ghal xi pretensjonijiet ohra li seta' kellha is-socjeta` kjamata in kawza in konnessjoni ma' xogholijiet ohra u mhux mal-kuntratt in kwistjoni.

Tenut kont ta' din ir-retroxena, li wara kollox ghadha ma gietx epurata stante li f'dan l-istadju kienet qed tigi ezaminata biss l-applikabilita` tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2149(a), din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti billi jidher car mit-tielet premessa tac-citazzjoni, li ghalkemm l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici kien bilanc ta' xoghol ta' appalt, fir-realta` t-talba taghha hija bazata fuq l-arrikkiment indebitu tas-socjeta` kjamata in kawza minhabba t-tpacija indebita li giet ezercitata mis-socjeta` appellanti ta' dan l-ammont ma ammont iehor ikkontestat mis-socjeta` attrici. Ghalhekk, ghalkemm kif sewwa osservat l-ewwel Qorti "s-sors tal-azzjoni kienet il-kuntratt" effettivament, kif ukoll qalet korrettement l-ewwel Qorti "is-socjeta` attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq kreditu li l-istess konvenuti arrogaw ghalihom."

Fic-cirkostanzi ma jidhirx li l-appell tas-socjeta` kjamata in kawza huwa gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` kjamata in kawza qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanti. Il-Qorti tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------